MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru 401/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Anthony Said**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Anthony Said, bin Peter u Carmela nee' Vella, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 8474G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1 Fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Ġunju 2008 u l-1 ta' Lulju 2008, għal ħabta tan-nofsiegħa ta' fil-għodu (00:30hrs), ġewwa r-Rabat (Għawdex) ikkometta serq ta' żewġ laptops u TFT monitor, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħin u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2329.37) u li sar għad-detriment ta' Emmanuel Grech;

2 U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara hija iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u li sar għad-detriment ta' Emmanuel Grech;

3 U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

4 U aktar talli huwa sar reċidiv ai termini ta'l-artikolu 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal- Maġistrati (Għawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mgħotija fit-12 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 267, 270, 278(1)(3), 279, 280(2), 325(1)(c), 17(h), 31, 49, 50 u 289, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet akkuża, billi dina hija alternattiva għall-ewwel waħda, sabitu hati tal-kumplament tal-akkużi u ikkundannatu għal perijodu ta' sena priġunerija u ordnat ir-rilaxx tal-oġġetti esebiti bħala Dokumenti FT4 u FT5 konsistenti f'żewġ laptops u TFT monitor a favur ta' Emanuel Grech u finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannat lil ħati iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' €70 in konnessjoni ma' spejjeż peritali.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Anthony Said ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2013, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha f'dik il-parti fejn sabet ħtija taħt l-artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena ta' sena priġunerija u tikkonfermaha fil-bqija u tinfliġġi piena iktar ġusta u ekwa skont il-liġi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell:

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej in kwantu relevanti ghall-finijiet tal-appell tal-imputat appellant:

L-imputat instab ħati bħala reċidiv tal-imputazzjonijiet kollha fuq riprodotti ħlief għall-imputazzjoni ta' riċetazzjoni li l-ewwel Qorti irriteniet li kienet alternattiva għall-imputazzjoni ta' serq u dan peress li sabet ħtija ta' dan l-aħħar reat. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati bħala reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali

fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura tas-7 ta’ Marzu 2008 li biha sabitu ħati ta’ traffikar tad-droga eroina, pussess tad-droga eroina u pussess tar-raża tal-cannabis u kkundannatu għall-piena ta’ multa ta’ ħames mija u tnejn euro (€502) pagabbli f’rati mensili ta’ €116.47 kull waħda bl-ewwel rata pagabbli mhux aktar tard minn erba’ gimgħat mid-data tas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1. l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni ħażina u żbaljata tal-liġi meta sabitu ħati bħala reċidiv skont l-artikolu 50 u l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali;

2. anki kieku l-appellant kellu jinstab ħati bħala reċidiv il-piena imposta fuqu kellha tkun ferm inqas tenut kont tax-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* is-sur Ivan Sultana

**7.** In kwantu ghall-**<u>ewwel aggravju</u>** l-appellant iġib ‘il quddiem dawn ir-raġunijiet:

**a)** skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali lill-imputat ma setgħetx tiżdiedlu l-piena bħala reċidiv peress li, skont l-appellant, huwa kien għadu ma skontax is-sentenza tas-7 ta’ Marzu 2008 u dan peress li meta’ ġew kommessi r-reati li tagħhom instab ħati bis-sentenza appellata, u ċioè fil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Ġunju u l-1 ta’ Lulju 2008, it-terminu għall-ħlas tal-multa kien għadu miexi favur tiegħu;

b) skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali il-piena wkoll ma setgħetx tiżdied fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-22 ta’ Mejju 2008 peress li s-sanzjoni imposta f’dik is-sentenza kienet ordni ta’ probation għal żmien tlett snin mid-data tal-probation liema terminu kien għadu għaddej favur l-appellant; u hawn l-appellant in sostenn tas-sottomissjoni tiegħu għamel referenza għas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Settembru 2004 fl-ismijiet P v Christopher Agius;

c) in kwantu għar-reċidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, is-sentenza tas-7 ta’ Marzu 2008 ma kienetx għal ħtija ta’ reati ta’ serq u għalhekk ma tistax issostni ir-reċidiva skont dan l-artikolu waqt li s-sentenza l-oħra tas-17 ta’ Settembru 2004, għalkemm kienet għal reati ta’ serq, ma tistax issostni r-reċidiva skont dan l-artikou peress li s-sanzjoni kienet waħda ta’ probation għal tlett snin “li kienu għadhom qed jibdew jiddekorru” u għalhekk il-piena kienet għadha ma ġietx skontata.

**8.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f’kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta’ reċidività kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B’hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b’hekk jevadi l-awment fil-piena f’każ ta’ reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B’danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li

jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa.

**9.** In kwantu ghas-sentenza l-oħra tat-22 ta' Mejju 2008 din ukoll ma tagħtix lok għal awment fil-piena kif previst fl-artikolu 50 mhux għar-raġuni mogħtija mill-appellant, u ċioè għaliex il-perjodu ta' tlett snin tal-probation "kien għadu għaddej" iżda għar-raġuni moghtija fis-sentenza P v Christopher Agius ġia ċitata u ċioè għaliex skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet <u>ikkundannata</u> għal reat tagħmel reat ieħor, mentri b'effett tas-subartikolu (1) tal-artikolu 25 tal-Att dwar il-*Probation* ordni ta' probation għandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija u cioe' ma titqiesx kundanna.

**10.** Jibqa' li trid tiġi kunsidrata r-reċidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jgħid li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Marzu 2008 kienet għal reati ta' droga u mhux għal reati ta' serq u għalhekk ma tagħtix lok għal awment tal-piena minħabba reċidiva skont l-artikolu 289 imsemmi. Dan ċertament hu korrett u ma jidhirx li l-ewwel Qorti fehmet mod ieħor.

**11.** L-appellant iżda jżid jgħid li anki s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-22 ta' Mejju 2008, għalkemm kienet għal serq, ukoll ma tagħtix lok għall-awment fil-piena skont l-artikolu 289 imsemmi peress li l-perjodu ta' probation "kien għadu ghaddej". Huwa minnu li s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008 ma tagħtix lok ghal awment fil-piena taħt l-artikolu 289 imsemmi iżda dan mhux għar-raguni moghtija mill-appellant iżda sostanzjalment għall-istess raġuni ġia fuq spjegata. L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli "fil-każijiet ta' reċidiva..." u peress li r-reċidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna konċernata "tkun giet <u>ikkundannata</u> għal reat..." persuna li titqiegħed taħt ordni ta' *probation* ma tistax titqies bħala persuna reċidiva peress li tali ordni, b'effett tal-artikolu 25(1) tal-Att dwar *Probation,* kif ġia spjegat, għandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija u ċioe' ma titqiesx kundanna. Għalhekk darba li ma hemmx reċidiva skont l-artikolu 49 ma hemmx reċidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk is-sentenza dwar serq tat-22 ta' Mejju 2008 ma tagħtix lok għal awment tal-piena taħt l-artikolu msemmi.

**12.** Dan kollu jġib bħala konsegwenza li l-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju tiegħu u qiegħed jigi milqugħ bil-konsegwenza li ma jistax jinstab ħati bħala reċidiv.

**13.** Bit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu l-appellant isostni li anki kieku l-appellant kellu jinstab ħati bħala reċidiv il-piena imposta fuqu kellha tkun ferm inqas tenut kont tax-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* is-Sur Ivan Sultana. Apparti li kellha quddiemha d-depożizzjoni tal-imsemmi Ivan Sultana din il-Qorti, fuq talba tad-difiza, semgħet ukoll lil John Agius, li hu *key worker* mal-*Caritas.*

**14.** Dwar dan l-aggravju għandu jingħad li il-minimu tal-piena għar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, ħin u valur ta' anqas minn €2,329.37 mingħajr ebda żieda għal xi tip ta' reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali hi ta' sentejn, sitt xhur u għoxrin jum u għalhekk il-piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' sena erogata mill-ewwel Qorti hija fi kwalunkwe każ taħt il-minimu tal-piena preskritta mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati anki meta titwarrab kull żieda fil-piena minħabba reċidiva. Għalhekk, din il-Qorti, minkejja li laqgħet l-ewwel aggravju tal-appellant dwar ir-reċidiva, ma tistax tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti għal din ir-raġuni.

**15.** Inoltre, wara li ħasbet fit-tul dwar dak li xehedu l-Probation Officer Ivan Sultana kif ukoll, fuq ordni tal-Qorti, dak li xehed il-Key Worker John Agius, u wara li ħadet in kunsiderazzjoni l-gravità tar-reati li tagħhom l-appellant nstab ħati u l-kondotta preċedenti refrattarja tiegħu abbinat mal-fatt li l-piena erogata mill-ewwel Qorti għall-ħtija tar-reati li tagħhom l-appellant instab ħati hija taħt il-piena stabbilita mill-liġi għall-istess ħtija anki mingħajr ebda żieda fil-piena minhabba reċidiva, u tenut kont tal-fatt li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma hix indikata sanzjoni xort' oħra minn dik ta' priġunerija effettiva, din il-Qorti ma hix tal-fehma li għandha tilqa' t-tieni aggravju u tirriduċi l-piena komminata mill-ewwel Qorti.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Anthony Said biss in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni fis-sens li huwa reċidiv u minnha tilliberah u tikkonfermha fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------